MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 1163/2010

**Bayrak Operations International Limited**
**vs**
**World Express Logistics Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta’ attrici tal-10 ta’ Novembru 2010 li jghid hekk:

Illi s-socjeta’ rikorrenti nkarigat lis-socjeta’ intimata sabiex titrasporta merkanzija minn Malta sa Tripoli sabiex tigi fdata lil terzi;

Illi fil-fatt il-merkanzija baqghet ma wasslitx fid-destinazzjoni b’dan illi s-socjeta’ rikorrenti soffriet danni konsistenti f’telf ta’ merkanzija, hlas u spejjez maghmula mill-istess socjeta’ rikorrenti kif ukoll danni kummercjali hekk kif ser jigi ppruvat fil-mori ta’ dawn il-proceduri;

Illi s-socjeta' intimata hija unikament responsabbli ghal danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti;

Illi minkejja interpellata anke permezz ta' ittra ufficjali datata l-1 ta' Ottubru 2010 sabiex is-socjeta' intimata tersaq ghall-hlas u likwidazzjoni ta' danni, din baqghet inadempjenti b'dan illi s-socjeta' rikorrenti kellha tressaq il-proceduri odjerni kontra l-istess socjeta' intimata;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, is-socjeta' rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lis-socjeta' intimata unijkament responsabbli ghad-danni kkagunati lis-socjeta' rikorrenti;

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti; u

3. Tordna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datat 1 ta' Ottubru 2010 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' intimata li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ingunti in subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' konvenuta li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament, in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti sabiex tisma' dan il-kaz stante li a bazi tal-Istandard Terms and Conditions tas-socjeta' esponenti stante illi kwalunkwe talba jew kwistjoni rigwardanti s-servizzi tal-esponenti ghandhom jigu decizi tramite l-procedura tal-arbitragg;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja, is-socjeta' esponenti ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u ma tat l-ebda servizz lis-socjeta' attrici;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja u fil-mertu, l-esponenti dejjem espletat l-obbligi

taghha b'mod diligenti u ma hemm ebda negligenza imputabbli lilha ghal kwalunkwe danni allegatament sofferti mis-socjeta' attrici;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja, l-oggetti allegatament mitlufa li ghalihom is-socjeta' attrici qed tilob id-danni gew rilaxxati fi stat tajjeb u intatt mis-socjeta' esponenti lill-AirMalta plc u ghalhekk jekk sehhew xi hsarat jew nuqqasijiet meta dawn l-oggetti kienu taht il-kustodja tas-socjeta' AirMalta plc dawn m'ghandhiex taghmel tajjeb ghalihom is-socjeta' esponenti u ghalhekk ghandha tigi kjamata in kawza s-socjeta' AirMalta plc;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja u minghajr ebda ammissjoni ta' responabbilita', fl-eventwalita' li din l-Onorabbli Qorti ghandha ssib xi htija fis-socjeta' esponenti jigi rilevat illi kwalunkwe kundanna ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni ghandha ssir a bazi tal-artikolu 13 intitolat "*liability and limitation of liability*" tal-Istandard Terms and Conditiions of Trading vigenti ghas-servizzi li taghti s-socjeta' esponenti;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez;

Rat il-verbal tal-Qorti tal-10 ta' Marzu 2011 fejn il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti stante li kwistjonijiet rigwardanti s-servizzi moghtija mis-socjeta' konvenuta kellhom jigu decizi tramite procedura ta' arbitragg skond l-Istandard Terms and Conditions tal-istess socjeta' konvenuta;

Rat id-dokumenti w in-nota ta' sottomissjonijiet mressqa mill-partijiet dwar din l-eccezzjoni;

Rat li l-kawza qeghda ghas-sentenza fuq dan il-punt ghat-12 ta' Mejju 2011;

**Ikkunsidrat**

## Fatti

World Express Logistics Limited hi kumpanija li titrasporta merkanzija. F’dan il-kaz partikolari Paul Agius ingagga lis-socjeta’ konvenuta biex titrasporta xi merkanzija lejn il-Libja. Gie esebit invoice Dok. B a fol. 24 tal-process datat 17 ta’ Mejju 2010 maghmul min Paul Agius lid-destinatarju tal-merkanzija cioe kumpanija fil-Libya.

Jinghad mis-socjeta’ attrici illi s-socjeta’ attrici giet registrata fil-25 ta’ Gunju 2010 (ara affidavit ta’ Paul Agius a fol. 53 tal-process). Jidher pero mid-Dok. C a fol. 25 tal-process cioe l-Airway Bill datat 2 ta’ Awwissu 2010 tal-merkanzija in kwistjoni, illi s-shipper ma kienitx il-kumpanija izda Paul Agius. Madankollu l-invoice li ntbaghat mis-socjeta’ konvenuta ghal-hlas ta’ servizzi prestati ma ntbaghtx lil Paul Agius izda lis-socjeta’ attrici (Dok. E a fol. 29 tal-process). Dan l-invoice hu datat 5 ta’ Awwissu 2010. Fin-naha ta’ isfel ta’ dan l-invoice miktub bi kliem zghir hemm fost affarijiet ohra l-kliem “World Express Logistics Limited trades under MIFA Standard Terms and Conditions which may be viewed at http:/www.welogistics.com/wel/services.asp or available on request”.

Is-socjeta’ konvenuta qed tallega li dan il-kliem uzat fl-invoice hu ftehim vinkolanti bejn il-partijiet li jassoggettaw ruhhom ghal dak kontenut fih fosthom klawsola arbitrali specifika li tinsab f’artikolu 20 tal-Malta International Forwarders Association (MIFA) Conditions (fol. 49 tal-process), esebit mar-risposta guramentata tas-socjeta’ konvenuta. Is-socjeta’ konvenuta targumenta wkoll illi Paul Agius kien ilu klijent taghha ghal hafna snin u illi s-socjeta’ konvenuta ilha membru tal-MIFA minn 2007 (ara affidavit ta’ Denis Gatt a fol. 33 tal-process).

Is-socjeta’ attrici invece targumenta illi l-ewwel darba li semghet dwar dawn il-kundizzjonijiet kienet fir-risposta guramentata tas-socjeta’ konvenuta, u illi qatt ma accettat dawn il-kundizzjonijiet imsemmijin f’e-mail wara li l-ordni kienet gia saret u accettata mis-socjeta’ konvenuti. Inoltre s-socjeta’ konvenuta qatt ma rriferiet ghal xi kondizzjoni li

t-trasport tal-merkanzija kien soggett ghal MIFA conditions.

Apparti certi kwistjonijiet ta' prova konkreta li huma mankanti f'uhud mill-allegazzjonijiet fl-affidavit rispettivi tal-partijiet u li l-Qorti f'dan l-istadju tal-vertenza ma thoss li huma ta' importanza li jimpingu fuq l-eccezzjoni preliminari, dak li hu strettament necessarju ghar-rizoluzzjoni ta' din il-vertenza hi l-portata tal-kliem uzat fil-fattura tal-10 ta' Awwissu 2010 fejn qed jigi allegat mis-socjeta' konvenuta illi l-MIFA conditions jikkostitwixxu ftehim vinkolanti fuq il-partijiet bil-konsegwenzi kollha taghhom inkluz il-klawsola arbitrali.

**Ligi**

Il-principju tal-eskluzjoni tal-gurisdizjoni tal-Qrati Ordinarji hu ben accettat u rispettat in kwantu dan hu espressjoni tal-volonta tal-kontraenti li ghal kull fini w effett tal-ligi jammonta ghal ligi bejn l-istess partijiet.

Il-Kapitolu 387 dwar l-arbitraggi jistipula fl-artikolu 2(a) illi ftehim ta' arbitragg hu ftehim kif definit fl-artikolu 7 tal-Model Law (Uncitral Rules).

L-artikolu 7(1) ighid hekk:

"An arbitration agreement is an agreement by the parties to submit to arbitration all or certain disputes which have arisen or may arise between them in respect of a defined legal relationship. An arbitration agreement may be in the form of an arbitration clause in a contract or in the form of a separate agreement".

l-artikolu 7(2) ighid hekk:

"The arbitration agreement shall be in writing. An agreement is in writing if it is contained in a document signed by the parties or in an exchange of letters, telex, telegrams or other means of telecommunication which provide a record of the agreement or in an exchange of statements of claim and defence in which the existence of

an agreement is alleged by one party and not denied by another. The reference in a contract to a document containing an arbitration clause constitutes an arbitration agreement provided that the contact is in writing and the reference is such as to make that clause part of the contract”.

Qari ta’ dan l-artikolu ipoggi l-vertenza fil-perspettiva gusta tieghu. Il-ligi trid li klawsola arbitrali tkun jew parti minn kuntratt miktub jew f’dokument separat li referenza specifika ghalih issir f’kuntratt miktub b’mod li tali klawsola tkun parti mill-kuntratt. Il-ligi taghmilha *sine qua non* kondizzjoni inderogabbli li klawsola arbitrali tkun bil-miktub u b’referenza cara bejn il-partijiet li dik il-klawsola, avolja kontenuta f’dokument separat, tifforma parti integrali mill-kuntratt. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza Mark Laferla noe vs Saviour Attard (App. Kum. 30/1/1995):

“Il-ligi trid tassikura li l-oggett tal-kontroversja u l-adezjoni tal-parti li l-kontroversja tigi rizotta b’arbitragg tirrizulta minn kitba privata jew att pubbliku sabiex tigi evitata kwalunkwe incertezza. Jekk ma hemmx il-kitba u l-kunsens u l-accettazzjoni tal-parti, ma jistax jinghad li hemm kunsens validu skond il-ligi”.

Inoltre kif qalet il-Qorti fil-kawza Victor Zammit et vs Jospeh Stivala (PA 20/7/1994) “Ir-raguni fuq il-forma hi komprensibbli ghax il-kompromess jimplika rinunzja ghad-dritt ta’ azzjoni gudizzjarja … ta’ almenu wiehed mill-partijiet”.

Ghalkemm dawn is-sentenzi nghataw fi zmien meta l-Kodici ta’ Procedura kien jirregola l-arbitragg u l-ligi dwar l-arbitragg ma kienitx ghadha mahsuba, pero l-insenjament moghtija f’dawn is-sentenzi huma applikabbli bil-ligi kif inhi illum.

F’dan il-kaz ghalkemm jista’ jinghad li l-klawsola arbitrali tirrizulta minn dokument separat, pero r-referenza ghaliha ma tirrizultax f’kuntratt bejn il-partijiet. Tirrizulta, kif jidher mill-atti, f’invoice datat 10 ta’ Awwissu 2010 mibghuta mis-socjeta’ konvenuta lil dik attrici. Din il-fattura mhix kuntratt

izda l-hlas ghal relazzjoni kontrattwali ta’ transport gia konkluza, f’liema relazzjoni ma hemm ebda ftehim jew referenza ghal xi klawsola arbitrali, almenu fl-atti esebiti.

Inoltre kliem irqiq fil-parti ta’ isfel ta’ dokument (bhal fattura in kwistjoni) li jirreferi b’mod vag u generiku li s-socjeta’ konvenuta tezercita l-kummerc taht il-MIFA Standard Terms and Conditions li access ghalihom jista’ jittiehed mill-internet jew b’talba, mhix wahedha turija ta’ kunsens u accettazzjoni da parti ta’ min ikun irceva d-dokument li hu wkoll qed jassoggetta ruhu ghal dan id-dokument minghajr ma jsir xi forma ta’ accettazzjoni specifika tieghu u l-kontenut tieghu inkluz il-klawsola arbitrali.

Il-ligi hi tassativa f’dan is-sens. Il-prova li parti rrinunzjat ghad-dritt li tirrikorri quddiem il-Qrati Ordinarji trid tkun cara u tirrizulta minn kuntratt miktub fejn l-adezjoni ghal klawsola arbitrali tohorg mill-istess dokument accettat mill-partijiet jew minn dokument iehor li referenza specifika ghalih issir fil-kuntratt b’tali mod li l-kontenut kollu tieghu inkluz il-klawsola arbitrali jifforma parti minn dak il-kuntratt.

Ma jistax jinghad li s-socjeta’ konvenuta ghamlet prova ta’ dan u ghalhekk ma jistax jinghad li bejn il-partijiet kien jezisti xi ftehim vinkolanti li f’kaz ta’ disputa l-partijiet kienu rrinunzjaw ghal rimedju quddiem il-Qrati Ordinarji.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tichad l-eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta dwar in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti billi bejn il-partijiet kienet tezisti klawsola arbitrali.

L-ispejjez jibqghu riservati ghal-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------